# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2024**

**Numru 1**
**Appell Numru 335/2012/1 AF**

**Attrans Commercials Limited (C-12775)**

**vs**

**Ivan Abela;**
**Kenneth Galea;**
**Pierre Farrugia;**
**Kingpin Limited (C-44320);**
**Avv. Dr Patrick Valentino u P.L. Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company;**
**Avv. Dr Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Abulnaser Marghni;**
**u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Mejju 2012 Dr Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Pauline Mallia ġew nominati minflok Dr Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company u lil Abulnaser Marghni; u b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2012 il-Qorti rrevokat l-inkarigu mogħti lill-P.L. Pauline Mallia u tikkonferma dak tal-P.L. Hilda Ellul Mercer**

## PRELIMINARI:

1. Din il-kawża tirrigwarda negozju li allegatament sar bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenuti. Permezz ta' din il-kawża s-soċjetà attriċi talbet li:

- prevja kull konferma neċessarja tax-xoljiment tan-negozju, l-konvenuti jiġu ordnati jagħtuha rendikont komplet tal-amministrazzjoni u d-direzzjoni tagħhom tan-negozju mis-17 ta' Ottubru 2009 sad-data tax-xoljiment relattiv;

- l-konvenuti *in solidum* jiġu kkundannati jħallsuha s-sehem tal-profitti tagħha ta' 50% mil-operazzjoni tan-negozju okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

- l-konvenuti *in solidum* jiġu kkundannati jħallsuha l-bilanċ minnhom dovut għall-istokk supplit minnha u detenut minnhom;

- l-konvenuti Abela, Galea u Farrugia jiġu kkundannati jħallsuha l-ammont ta' €439,700 rappreżentanti bilanċ ta' ripagament ta' self lilhom magħmul minnha.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-20 ta' Jannar 2016[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet is-sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Limited u konsegwentement iddikjarat li:

- m'humiex il-leġittimi kontradittturi u li għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;
- s-soċjetà attriċi taħt l-ebda ċirkostanza ma avvanzatilhom is-self pretiż minnha; u
- għalhekk fil-konfront tagħhom l-azzjoni attriċi qed tiġi respinta bl-ispejjeż.

[1] Tali sentenza ġiet kkonfermata minn din il-Qorti tal-Appell fis-**27 ta' Ottubru 2017**. It-talba tas-soċjetà attriċi għar-ritrattazzjoni ġiet miċħuda b'sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell tas-**27 ta' Ottubru 2017.**

3. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-7 ta' Novembru 2022 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u ordnat li għandha tingħata rendikont sħiħ ta' dak li sar u ma sarx fin-negozju mis-17 ta' Ottubru 2009 sad-data ta' meta ġie mitmum in-negozju. Iddikjarat li fid-dawl ta' dan jibqgħu impreġudikati d-drittijiet l-oħra tas-soċjetà attriċi, liema drittijiet hija tkun tista' tenforza jekk ikun il-każ, wara li tikseb aċċess għar-rendikont. Ordnat li l-ispejjeż kellhom jitħallsu mis-soċjetà Highway Car and Spare Parts Importation Company u minn Abulnaser Marghni *in solidum* b'dana li l-ispejjeż tal-kuraturi jitħallsu proviżorjament mis-soċjetà attriċi.

4. Is-soċjetà attriċi ħassitha aggravata b'tali deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2022 u għalhekk fis-7 ta' Diċembru 2022 interponiet appell quddiem din il-Qorti fejn talbitha:

> *"tikkonfermaha fil-parti fejn laqgħet l-ewwel talba attriċi; tilqa; (SIC) tiddisponi mit-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi billi tikkundanna lill-intimati Highway Car and Spare Parts Importation Company u Abdulnaser Marghni solidalment iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' żewġ miljuni, sitt mija w wieħed u tmenin elf u wieħed u erbgħin euro (€2,681,041) bħala ammont hekk likwidat u tikkonfermaha fil-parti fejn hija żammet impreġudikati l-bqija tad-drittijiet tas-soċjetà attriċi u dan limitatament għas-sitt talba; bl-ispejjeż u interess legali kontra l-imsemmija żewġ intimati in solidum."*

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi

partijiet mis-sentenza appellata:

"Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà Attrans Commercials Ltd (C-12775) tat-2 ta' April 2012, li permezz tiegħu, wara li ġie premess illi:

Ghal habta ta' Settembru tas-sena 2009, is-socjetà rikorrenti dahlet f'diskussjonijiet fuq arrangament kummercjali mal-intimat Ivan Abela wara li dan l-intimat ippropona lir-rikorrenti li flimkien jaghmlu xoghol ta' bejgh ta' ingenji u makkinarji fis-suq Libjan.

Fil-kors ta' dawn id-diskussjonijiet, l-intimat Abela informa s-socjetà rikorrenti illi f'dan in-negozju huwa xtaq idahhal ukoll bhala partecipanti ohra izda mis-sehem tieghu lill-intimati Kenneth Galea u Pierre Farrugia li maghhom kellu negozju iehor ghaddej, u nforma wkoll illi dawn bejniethom gja kellhom socjetà Maltija bl-isem Kingpin Limited li kellha tigi utilizzata biex tiggestixxi tali negozju u partikolarment ukoll li huma digà kellhom socjetà fil-Libja (is-socjetà Libjana intimata Highway Car and Spare Parts Importation Company) li setghet tigi utilizzata bhala mezz biex eventwalment jinbieghu l-ingenji u lmakkinarju fil-Libja.

Is-socjetà rikorrenti ma kellha ebda konoxxenza tal-intimat liehor Abulnaser Marghni (bhal ma lanqas ma kellha tas-socjetà Libjana bl-isem Highway Car and Spare Parts Importation Company) u dan l-intimat beda jigi nvolut fin-negozju biss wara li dan beda.

In-negozju, kif miftiehem mal-intimati Abela, Galea u Farrugia, kien fis-sens illi (a) is-socjetà attrici tavvanza self lilhom biex huma jkunu jistghu jiffinanzjaw sehemhom minn dan innegozju; (b) is-socjetà attrici takkwista minghand terzi (suppliers taghha) l-ingenji u l-makkinarju biex dan jigi mibjugh fil-Libja; (c) il partijiet jiddentifikaw akkwirenti fil-Libja ghal dawn l-ingenji u makkinarju; (d) is-socjetà attrici tithallas lura il-prezz u l ispejjez minnha inkorsi ghall-akkwist ta' tali ingenji u makkinarju u (e) il-profitti rizultanti jinqasmu bejn ilpartijiet, cioé hamsin fil mija ghas-socjetà rikorrenti u hamsin fil-mija ghall-intimati.

L-amministrazzjoni u d-direzzjoni ta dan in-negozju thalliet f'idejn u taht ir-responsabbilità tal-intimati Abela, Galea u Farrugia filwaqt illi fuq indikazzjoni taghhom l-intimat Marghni kien mehtieg (a detta tal-istess intimati) ikun hemm involviment mehtieg ta' cittadin Libjan.

In adempiment tal-obbligu fuq indikat u cioé li *"(a) is-socjetà attrici tavvanza self lilhom biex huma jkunu jistghu jiffinanzjaw sehemhom minn dan in-negozju*" bejn is-17 ta' Ottubru 2009 u l-14 ta' Jannar 2010, is-socjetà attrici avvanzat lill-intimat Abela, Galea u Farrugia diversi somom ta' flus, li kienu bdew jithallsu lura matul l-istess medda ta' zmien u li minnhom illum baqa' bilanc x'jithallas lis-socjetà attrici ekwivalenti ghal seba mija u tnejn u tletin elf, hames mija u hamsa u tmenin Dinar Libjan

(LYD 732,585) u dan kif jirrizulta mill-Prospett relattiv hawn anness u esebit u mmarkata bhala Dok. AC1.

In adempiment tal-obbligu fuq indikat u cioé li *"(b) is-socjetà attrici takkwista minghand terzi (suppliers taghha) l-ingenji u l makkinarju biex dan jigi mibjugh fil-Libja"*, is-socjetà attrici akkwistat matul l-istess perjodu fuq imsemmi minghand diversi suppliers taghha numru ta' ingenji u makkinarju li ntbaghtu lejn il-Libja u ghamlet ukoll sa spejjez ghall-operat tannegozju, fuq indikazzjoni tal-intimati u dan kif jirrizulta millprospett relattiv hawn anness u esebit u mmarkata bhala Dok. AC2.

Matul il-perjodu kollu fuq indikat, is-socjetà attrici filwaqt illi kienet kif fuq imsemmi tirceivi pagamenti lura tas-self minnha maghmul mill-intimati Abela, Galea u Farrugia, qatt ma rceviet ebda pagament da parti tal-intimati bhala sehemha ta' hamsin fil-mija mill-profitt tan-negozju.

Lejn l-ahhar tas-sena 2010 l-intimati Maltin talbu laqgha massocjetà attrici u pproponew illi l-partijiet jaqsmu l-profitti taloperat u s-socjetà attrici wiegbet illi l-ewwel hija kellha tithallas l-ammont li kienet dovuta tal-istock u s-supplies li kienu ghadhom ma thallsux u liema somma sa dak iz-zmien kienet tlahhaq mas-6,000,000 Dinari Libici (circa €3,500,000) u oltre dan is-socjetà attrici bdiet tinsisti mal-intimati Abela, Galea u Farrugia li tinghata rendikont tal-operat u li wara tithallas sehemha mill-profitti relattivi.

Rigward l-import ta' tali profitti jirrizulta illi minn kalkolu talistess intimati, sal-31 ta' Dicembru 2010, il-profitt (dejjem dak minnhom iddikjarat, stante illi l-amministrazzjoni u d-direzzjoni tan-negozju kien biss f'idejn dawn l-intimati) kien jammonta ghal 1,510,215 Dinari Libici u li ghalhekk hamsin fil-mija minnhom kien iwassal ghas-somma ta' 755,128 Dinari Libici, izda minkejja dan kif fuq imsemmi is-socjetà attrici ghadha qatt ma rceviet ebda parti minn sehemha ta dan il-profitt.

Tali cirkostanzi wasslu biex is-socjetà attrici tallbet illi (1) hija tithallas lura mill-intimati Abela, Galea u Farrugia il-bilanc rimanenti mill-ammont lilhom misluf; (2) l-intimati jaghtu rendikont debitu u komplet tal-amministrazzjoni taghhom ta' dan in-neogzju; (3) hija tithallas sehemha ta' hamsin fil-mija mill-profitti tan-negozju; (4) hija tithallas tal-istock li kienet akkwistat ghal bejgh fil-Libja u li baqa' mizmum mill-intimati.

L-istock li kienet akkwistat ghall-bejgh fil-Libja u li baqa' mizmum mill-intimati huwa dak indikat fil-Lista ta' Stock hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. AC3.

L-intimati qajjmu numru ta' ostakoli biex dan kollu jsir inkluz b'tentattiv illi s-sitwazzjoni prezenti fil-Libja (li sehhet wara l isvolgiment tal-fatti) tintuza bhala skuza biex ma jaqbdux lobbligi taghhom u filwaqt illi informaw lis-socjetà esponenti li kienu qedin jitterminaw in-negozju, baqghu in effetti inadempjenti fuq it-talbiet kollha.

L-intimati gew wkoll interpellati permezz ta' ittra ufficcjali izda baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Prevja kull konferma necessarja tax-xoljiment tan-negozju ta' bejn il-partijiet, tordna lill-intimati biex jipprovdu rendikont komplet tal-amministrazzjoni u d-direzzjoni taghhom tan-negozju fuq imsemmi mis-17 ta' Ottubru 2009 sad-data tax-xoljiment relattiv.

2. Tillikwida s-sehem korrett u proprju ta' hamsin fil-mija (50%) tal-profitt mill-operazzjoni tan-negozju fuq imsemmi, okkorrenti bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tiddikjara lill-konvenuti in solidum bejniethom responsabbli ghal hlas tas-somma rapprezentanti tali sehem ta' profitti dovuti lis-socjetà attrici.

4. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom biex ihallsu lis-socjetà attrici tali sehem ta' profitti hekk likwidat.

5. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom biex ihallsu lis-socjetà attrici il-bilanc minnhom dovut lilha minnhom ghall-istock supplit lil u detenut mill-konvenuti.

6. Tikkundanna lill-intimati Abela, Galea u Farrugia ihallsu lis socjetà attrici l-ammont f'munita Ewro l-ekwivalenti ghas somma ta' seba mija u tnejn u tletin elf hames mija u hamsa u tmenin Dinar Libiku (LYD732,585) (li bir-rata vigenti prezenti huma circa Euro 439,700) bilanc ta' ripagament ta' self lilhom maghmul mis-socjetà rikorrenti kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali pprezenta mis-socjetà rikorrenti u netessi legali kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd, li permezz tagħha, wara li ġie premess illi:

In linea preliminari l-esponent **Ivan Abela** mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.

In linea preliminari l-esponent **Kenneth Galea** mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat millosservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.

In linea preliminari l-esponent **Pierre Farrugia** mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat millosservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.

In linea preliminari s-socjetà esponenti **Kingpin Ltd.**, mhijiex legittimu kuntradittrici u kwindi ghandha tigi liberat millsoservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma kien hemm involviment fin-negozju mertu ta' din l-istanza.

Qatt u taht l-ebda cirkostanza s-socjetà rikorrenti avvanzat self lill-intimati Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd, jew min minnhom kif allegat u pretiz mill-istess socjetà Attrans Commercials Ltd u dan, ghar-ragunijiet premessi fl ewwel erba' eccezzjonijiet fuq esposti, kif ser jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk fil-konfront tal-esponenti l-azzjoni attrici ghandi tigi respinta bl-ispejjez.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici kwantu diretti fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri skond l-ezitu tal-ewwel hames (5) eccezzjonijiet.

Rat ir-risposti ġuramentati ta' Dr Mark A Mifsud Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer għall-Highway Car and Spare Parts Importation Company u għal Abdulnaser Marghni rispettivament, li permezz tagħhom, wara li ġie premess illi:

Ma hux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tas-soċjetà rikorrenti.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat illi jkun għaqli jekk qabel xejn u in suċċint jingħata rendikont ta' dak illi ġara fil-proċeduri qabel illum.

B'digriet tal-5 ta' Ġunju 2012 il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi limitatament dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u s soċjetà Kingpin Limited (C-44320).

B'sentenza in parte tal-20 ta' Jannar 2016 il-Qorti laqgħet l-ewwel sitt eċċezzjonijiet preliminari kif sollevati mill-konvenuti appena imsemmija,

ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u liberat lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

Din is-sentenza ġiet appellata.

B'sentenza tas-27 t'Ottubru 2017 fl-ismijiet premessi, l-Qorti tal Appell ikkonfermat fis-sħiħ is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar 2016. In segwitu għal dan il-pronunzjament tal-Qorti tal Appell, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors li bih talbet ir ritrattazzjoni tal-appell, liema talba ġiet miċħuda b'sentenza tas 27 t'Ottubru 2017.

Intant, il-proċeduri quddiem din il-Qorti komplew bil-ġbir tal provi għar-rigward il-mertu tal-azzjoni.

F'dan l-istadju u qabel ma l-Qorti tagħmel referenza għall-provi fil-mertu, ikun għaqli li tiġi riprodotta dik il-parti tas-sentenza tal-20 ta' Jannar 2016 fejn il-Qorti tat sinteżi tax-xhieda u sussegwentement għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l eċċezzjonijiet preliminari liema kunsiderazzjonijiet huma rilevanti għall-mertu tal-vertenza li sejjer jiġi deċiż illum.

**…omissis…**

In segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti għar-rigwrd is-siwi tal eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti Abela, Galea, Farrugia u Kingpin Ltd, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s soċjetà attriċi għamlitha ċara li l-kawża kienet qiegħda titkompla fil-konfront ta' Nasser Marghni li abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Jannar 2016, irriżulta bħala l-persuna li magħha kienet qegħda tagħmel in negozju s-soċjetà attriċi.

Għal dak illi jirrigwarda l-mertu tal-azzjoni, jirriżulta illi l pretensjoni attriċi tikkonsisti fis-segwenti:

i. Il-ħlas għas-sehem tagħha ta' 50% mill-profitti li saru min-negozju;

ii. Il-ħlas għall-bilanċ ta' stokk li ġie supplit lil Marghni u li wara t-terminazzjoni tan-negozju baqa' fil-pussess tal istess Marghni ġewwa l-Libja;

iii. Il-ħlas għas-somma ta' €439,700 rappreżentanti bilanċ rimanenti minn ripagamenti fuq self li s-soċjetà attriċi avvanzat fil-mument li kien sejjer jinbeda n-negozju.

Mill-provi li tressqu limitatament dwar il-mertu tal-vertenza jirriżulta li kull ftehim li seta' kien hemm dwar in-negozju in kwistjoni dejjem sar bil-fomm. Waqt illi ma hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi dan milli jsir, fl-istess waqt huwa fl-interess tal partijiet involuti li kull negozju u kull ftehim isir bil-miktub u jkun debitament regolat. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu, Salvatore Attard jirrikonoxxi li ma kien hemm ebda sistema dwar iż-

żamma tal kotba tal-kumpanija u dwar żamma ta' rendikonti dwar min żborża liema ammont u min kien dovut riżarċimenti għall materjal mixtri. Xehed illi l-unika darba li rċieva l-accounts kien fl-10 ta' Ġunju 2010. Madanakollu, żied jgħid illi meta sar eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni tal-accounts ma kienx hemm qbil. Spjega li fil-fatt għalkemm ġieli rċieva xi pagamanenti mil-Libja, l-ammonti qatt ma kienu jaqblu mal-ammonti ndikati fuq l invoices bil-konsegwenza li kien ikun diffiċli li ssir rikonċiljazzjoni bejn il-pagamenti u l-invoices. Xehed għalhekk illi l-ewwel tixlif fir-relazzjoni deher fil-laqgħa tal-10 ta' Ġunju 2010. In segwitu huwa beda jinsisti dwar żamma ta' kotba tal-kumpanija. Jistqarr li kien biss fil-laqgħa li kellu ma' Marghni fis-6 ta' Diċembru 2010 li beda jinsisti li jkun hemm sistema fit-tmexxija tan-negozju biss jgħid li dan kien tard wisq u li din is-sistema messha kienet hemm sa mill-bidu nett tan-negozju. Attard kompla jixhed li meta nsista li jiġu ngaġġjati accountant u manager sabiex jgħinu fiż-żamma tal-kotba tan-negozju, ir-reazzjoni ta' Marghni kienet tali li fit-8 ta' Diċembru 2010 bagħat ittra lil Attard permezz ta' liema avżah li ried jittermina n-negozju. Konsegwenza tal modalita' ta' kif ġie żvolt in-negozju u tal-manjiera kif ir relazzjoni u n-negozju ġew terminati ħesrem, l-eżerċizzju tal awditjar baqa' ma sar qatt. Attard żied jgħid illi l-karti kollha relattivi għan-negozju dejjem kienu esklussivament f'idejn Abela, Galea u Farrugia.

Xehed ukoll Justin Cutajar ossia l-accountant li ġie ngaġġat mis soċjetà rikorrenti sabiex jara l-kotba tan-negozju u jagħti l-parir professjonali tiegħu. Huwa xehed illi l-ewwel darba li ġie avviċinat kien f'Ġunju tas-sena 2010 u dak inhar, f'laqgha li kellu ma' Salvatore Attard ġabar l-informazzjoni dwar il-ġist tan negozju. Sussegwentmenet huwa attenda laqgha li għaliha kienu wkoll preżenti l-intimati Abela, Galea u Farrugia. Irriżulta li l-karti kollha tan-negozju kienu qegħdin jinżammu mill imsemmija intimati li offrew lil Cutajar aċċess għall-uffiċini tagħhom sabiex jara d-dokumentazzjoni li kellhom. Cutajar xehed li ma kienx sodisfatt bl-informazzjoni li sab fid-dokumenti biss meta beda jagħmel xi mistoqsijiet għall-fini ta' kjarifika deher evidenti li l-intimati Galea, Abela u Farrugia ma kinux komdi jagħtuh tali informazzjoni u minnufih waqqfulu kull aċċess għal-kotba.

Cutajar xehed illi abbażi tal-informazzjoni li rriżultatlu mid dokumentazzjoni li kien kiseb aċċess għaliha huwa ħejja statement of affairs fejn jikkonkludi li s-soċjetà attriċi għandha tieħu s-somma ta' €2,681,041.

Li sar negozju bejn Attrans u Nasser Marghni jirriżulta suffiċjentement ippruvat mill-atti. Żgur però li hemm ħafna x'wieħed jgħid dwar dan in-negozju partikolarment dwar il-mod kif ġie kostitwit u l-ġestjoni tal-istess. Ċertament li xejn ma sar b'mod garbat anzi, hija l-fehma tal-Qorti il-ġestjoni tan-negozju saret bl-aktar mod dilettantesk jekk mhux addirittura fl-għama. Jekk din l-informalita` kinitx intenzjonata jew le ma jirriżultax. Ebda negozju serju ma jsir esklussivament bil-fomm u wisq u wisq anqas ma juri serjetà l-fatt li qatt ma kien hemm sistema proprja dwar kif jitmexxa n-negozju u kif jinżammu l-kotba tal istess. Żgur illi li kieku l-

affarijiet saru sewwa, kieku s-soċjetà rikorrenti kienet tkun koperta fid-drittijiet tagħha u ma kienx ikollha l-ħtieġa tirrikorri in extremis għall-proċeduri legali fil konfront ta' multipliċità ta' persuni legali u ġuridiċi għaliex lanqas taf sewwa sew ma min kienet qegħda fin-negozju bi sħab!

Il-fatti juru li apparti l-fatt li ma sar xejn bil-miktub, is-soċjetà attriċi lanqas għandha f'idejha l-karti li kien hemm dwar in negozju. Huwa proprju għal din ir-raġuni li s-soċjetà attriċi qiegħda permezz tal-ewwel talba tagħha titlob li tingħata rendikont sħiħ ta' dak illi ġara mis-17 ta' Ottrubru 2009 sad-data meta n-negozju ġie xolt. Intant però, jirriżulta illi l-figura li wasal għaliha Justin Cutajar bħala l-ammont li għandha tieħu s-soċjetà rikorrenti huwa msejjes fuq numri u nformazzjoni li ra hu biss fil-ftit opportunità li kellu. Ebda dokumentazzjoni ma ġiet esebita in atti sabiex tikkorrobora l-konklużjonijiet milħuqa minn Cutajar. Waqt illi l-Qorti mhix tiskredita x-xogħol ta' Cutajar fil kapaċità professjonali tiegħu, fl-istess waqt ma tistax toqgħod fuq opinjoni ex parte li ċertament hija mogħnija minn element ta' soġġettività.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tevalwa t-talbiet attriċi individwalment. Fl-ewwel lok qiegħed jintalab il-ħlas għas sehem tal-attriċi u cioè fi kwota ta' 50% mill-profitti. Għaliex is soċjetà attriċi hija sprovvista mid-dokumentazzjoni, ma setgħetx tressaq quddiem din il-Qorti d-dokumentazzjoni li tissostanzja u tikkwantifika b'mod konkret u ċert l-ammont lilha dovut.

Il-Qorti tqis illi s-soċjetà attriċi naqset meta fil-kors ta' dawn il proċeduri ma ressqitx sabiex jixhdu lill-konvenuti Galea, Farrugia u Abela u lanqas ma talbithom jippreżentaw id dokumenti li għandhom fil-pussess tagħhom. Anki jekk dawn l individwi ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju għar-raġuni li mhumiex leġittimi kontradittui għat-talbiet attriċi, ma jfissirx dawn li ma setgħux jitressqu bħala xhieda. In-nuqqasijiet tas soċjetà attriċi żgur illi ma jistgħux jiġu rimedjati minn din il Qorti. Mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax tilqa' talba li ma tirriżultax pruvata fil-grad illi trid il-liġi. L-unika prova in atti hija li l-profitti min-negozju kellhom jinqasmu nofs bin-nofs kif wara kollox ikkonfermaw il-konvenuti Abela, Galea u Farrugia. Dak li mhux magħruf huwa l-ammont ta' profitti, jekk kien hemm. Fin nuqqas din il-Qorti, waqt li ssib li s-soċjetà attriċi għandha jedd għas-sehem tagħha mill-profitti, ma tistax tikkwantifika dan l ammont. Semmai is-soċjetà attriċi tkun tista' tikkwantifika dan is-sehem wara li tikseb aċċess għad-dokumentazzjoni.

Is-soċjetà attriċi talbet ukoll li titħallas il-bilanċ għall-istock minnha supplit u li wara t-terminazzjoni tan-negozju baqa' miżmum fil-Libja minn Marghni. Anki f'dan il-kuntest, is-soċjetà attriċi ma ressqet ebda prova li turi kemm kienu l-istocks suppliti u kemm huwa l-ammont li tippretendi li għandha tirċievi lura. Kien jispetta lis-soċjetà attriċi li tiskarika l-piż ta' tali prova. In manakanza ta' dan il-Qorti ma tistax minn jeddha tillikwida ammonti kif tippretendi s-soċjetà attriċi.

Qiegħed jintalab ukoll il-ħlas tas-somma ta' €439,700 rappreżentanti

bilanċ rimanenti fuq ripagamenti ta' self. Is soċjetà rikorrenti tisħaq li avvanzat flus sabiex jinbeda n negozju bl-intendiment li l-konvenut Marghni jħallas lura s-sehem tiegħu. F'dan ir-rigward ma tirriżulta minn imkien il prova li sar xi self ta' flus sabiex inbeda n-negozju. Għalhekk il pretensjoni attriċi f'dan ir-rigward tirriżulta waħda li ma ssib ebda korroborazzjoni in atti.

Waqt li żżomm ferm il-kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti għada kif għamlet, tqis ukoll li fil-verità meta wieħed jieħu kont taċ ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ partikolari jidher illi s-soċjetà attriċi setgħet ġiet migduma biss mill-banda l-oħra kien jispetta lis-soċjetà attriċi li tagħraf tittutela l-interessi tagħha b'mod aħjar. Dan ma sarx u issa s-soċjetà attriċi m'għandiex triq oħra għajr dik li ġġorr ir-responsabilità tal-konsegwenzi li rriżultaw mill-aġir tagħha.

Għalhekk, waqt illi f'dan l-istadju t-talbiet attriċi għal likwidazzjoni tas-sehem tagħha mill-profitti, għall-ħlas ta' stocks u għall-ħlas ta' bilanċi rimanenti minn ripagamenti ta' self, ma jistgħux jirnexxu, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u tordna li hija tingħata rendikont sħiħ ta' dak illi sar u ma sarx fin-negozju mis-17 t'Ottubru 2009 sad-data ta' meta ġie mitmum in-negozju. Fid-dawl ta' dan, jibqgħu impreġudikati d drittijiet l-oħra tas-soċjetà attriċi liema drittijiet hija tkun tista' tenforza jekk ikun il-każ, wara li tikseb aċċess għar-rendikont.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti, waqt illi qegħda tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, qed iżżomm impreġudikati l-bqija tad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti.

L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjetà Highway Car and Spare Parts Importation Company u minn Abulnaser Marghni *in solidum* b'dana illi l-ispejjeż tal-kuraturi jitħallsu proviżorjament mis soċjetà rikorrenti."

**<u>Rikors tal-appell tas-soċjetà attriċi (07.12.2022):</u>**

6. L-aggravji tas-soċjetà attriċi appellanti huma, in suċċint, is-segwenti:

(i) <u>L-Ewwel Qorti ma qisitx bħala prova li setgħet tistrieħ fuqha x-xhieda tal-awditur Justin Cutajar</u>. Tenfasizza li l-eżerċizzju li esegwixxa kien professjonali u skont l-i*standard accounting practices,* u mhux xi *assessment* soġġettiv intiż biex jaqdi lill-persuna li tkun inkarigatu.

(ii) Id-dokumentazzjoni korroboranti u sostentitriċi li fis-sentenza appellata ġiet identikata bħala mankanti, fil-fatt hija esebita, addirittura mill-kontroparti. U skont l-eżerċizzju li għamel Justin Cutajar abbażi ta' tali dokumentazzjoni, hija għandha titħallas is-somma ta' €2,681,041. Bl-akkoljiment tal-ewwel talba jista' jirriżulta li hemm ammonti oħra dovuti, però jkun ġust li dak li jirriżulta ċar u stabbilit u debitament ippruvat illum jiġi woll deċiż.

**Risposta ta' Dr Mark Mifsud Cutajar bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti soċjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company u lil Abulnaser Marghni (21.03.2023):**

7. Il-kuratur deputat wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija sostanzjalment ġusta u li s-soċjetà naqset milli ġġib evidenza sal-grad rikjest mil-liġi sabiex tiġġustifika t-talbiet tagħha. Jaċċenna għar-rimarka tal-Ewwel Qorti, li s-soċjetà attriċi lanqas kienet *"taf sewwa sew ma min kienet qiegħda fin-negozju bi sħab".* Dwar ix-xogħol tal-awditur Justin Cutajar u s-somma li wasal għaliha, jenfasizza li mhux biss hemm element ta' soġġettività, iżda wkoll ifakkar li l-kalkolu li sar minnu ġie imsejjes fuq informazzjoni li ngħatatlu fi żmien qasir.

## KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

### Kronoloġija ta' fatti:

8. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà attriċi appellanti din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti kronoloġija li ppreċediet il-kawża.

9. **Fis-sena 2009** saru diskussjonijiet bejn Salvatore Attard mis-soċjetà attriċi u l-konvenuti Ivan Abela, Kenneth Galea u Pierre Farrugia dwar xogħol ta' bejgħ ta' inġenji u makkinarji fis-suq Libjan. Għalkemm id-diskuzzjonijiet kienu jsiru ma' Abela, Galea u Farrugia, Attard kellu wkoll xi inkontri ġewwa l-Libya ma' Nassar Marghni li kellu s-soċjetà Highway Car and Spare Parts Importation Company.

(Skont is-sentenza preliminari tal-20 ta' Jannar 2016, li ġiet ikkonfermata fl-appell, ġie deċiż li n-negozju la sar personalment mal-konvenuti Abela, Galea u Farrugia, u lanqas mas-soċjetà konvenuta Kingpin Ltd u għalhekk dawn ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju).

10. Salvatore Attard xehed li qabel ma nbeda n-negozju, bejn is-**17 ta' Ottubru 2009 u l-14 ta' Jannar 2010** ħareġ kapital fl-ammont ta'

LYD720,000[2].

(Għalkemm skont Attard nofs (½) dan l-ammont jirrappreżenta s-sehem ta' Abela, Galea u Farrugia li huwa ħareġ bħala self fil-konfront tagħhom, fis-sentenza preliminari tal-20 ta' Jannar 2016 intlaqgħet l-eċċezzjoni tagħhom li dan mhux il-każ.)

11. In-negozju beda', iżda qatt ma sar xi ftehim bil-miktub fir-rigward.

12. Skont Salvatore Attard in-negozju beda jitħaddem regolarment u huwa kien jagħmel il-fornituri tal-inġenji għall-bejgħ, iżda għalkemm kienu jintbagħtu trasferimenti ta' flus mil-Libya dawn kienu jkunu ġeneriċi u ma kinux jintbagħtu ammonti eżatti biex jinaqatgħu minn *invoices* partikolari.

---

[2] Skont il-prospett Dok AC1 esebit mis-soċjetà attriċi a fol 7, bejn is-17 ta' Ottubru 2009 u l-14 ta' Jannar 2010 hija għamlet 6 pagamenti, imbagħad fil-11 ta' Ottubru 2010 għamlet pagament ieħor:

| **Date** | **Description** | **Amount given in LYD** | **Amount received in LYD** | **Outstanding balance in LYD** |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 17.10.2009 | Cash given | 180,000 LYD | | 180,000 |
| 03.12.2009 | Cash given | 285,000 LYD | | 465,000 |
| 15.12.2009 | Cash given | 20,000 LYD | | 485,000 |
| 30.12.2009 | Cash given | 60,000 LYD | | 545,000 |
| 14.01.2010 | Cash given | 45,000 LYD | | 590,000 |
| 14.01.2010 | Cash given | 130,000 LYD | | 720,000 |
| 15.11.2009 | Cash received | | 35,000 | 685,000 |
| 02.05.2010 | Cash received | | 7,000 | 678,000 |
| 26.05.2010 | Cash received | | 2,000 | 676,000 |
| 11.10.2010 | Cash given | 56,585 LYD | | 732,585 |
| **TOTALS** | | **776,585 LYD** | **44,000** | **732,585** |

Qal li kien jitlob l-*accounts* sabiex ikun jista' jara eżatt fejn kienu qegħdin u fejn kienu ser imorru bin-negozju, iżda tul iż-żmien kollu li ħadmu, ***"dawn l-accounts intbagħtu darba biss, cioè fl-<u>10 ta' Ġunju 2010</u>".***

13. **<u>F'Ġunju 2010</u>** Saviour Attard avviċina lill-*accountant* Justin Cutajar u spjegalu dwar in-negozju li kellu fil-Libja (kif xehed l-istess Cutajar).

14. Fis-**<u>6 ta' Diċembru 2010</u>** Saviour Attard kellu laqgħa Tripli ma' Nasser Marghni. Attard xehed li Marghni qallu li kellu raġun fuq dak li kien qiegħed jitlob fir-rigward tal-organizzazzjoni tan-negozju.

15. Fit-**<u>8 ta' Diċembru 2010</u>** Attard xehed li rċieva ittra[3] fuq *letterhead* tas-soċjetà "Highway" fejn ingħad hekk:

> *"With reference to the points raised in your meeting yesterday and on information that has come to our attention recently, it is clear that a serious lack of trust is present between the partners. This, in addition to very different ideas on how the venture should be managed has made it impossible for us to continue.*
>
> *Based on this situation and after taking into consideration the interest of both HIGHWAY and ATTRANS, we have decided that our agreement must be terminated by the 31st December 2010.*
>
> *We request a meeting to agree on a fair but urgent termination.*
>
> *Yours truly,*
>
> *Nassar Marghni/ Kenneth Galea/ Pierre Farrugia/ Ivan Abela."*

16. **<u>Lejn l-aħħar tas-sena 2010</u>**, l-*accountant* Cutajar kien attenda l-

[3] Fol 182

laqgħa li kienet saret in segwitu għal tali ittra. Din il-Qorti jidhriha li huwa utli li tiċċita s-segwenti parti mix-xiehda tiegħu[4]:

> *"F' dan il-meeting ġie diskuss x' kellu jsir biex jiġi xolt in-negozju ta' bejniethom. F' dan il-meeting jiena ġejt appuntat mis-sur Salvu Attard bħala l-awditur tiegħu fuq din il-kwistjoni u kelli inkarigu li nagħmel reviżjoni (audit) tal-kotba li kienu jinżammu mis-sinjuri Farrugia, Abela u Galea. Nispjega lil fil-fatt il-kotba kollha ta' dan in-negozju kienu jinżammu proprju mis-sinjuri Farrugia, Abela u Galea.*
>
> *Fil-bidu tas-sena 2011 jiena bdejt nagħmel ir-reviżjoni tal-kotba tal-accounts li kienu qed jinżammu fiżikament ġewwa l-uffiċini f' Ħal Lija ta' wieħed mis-sinjuri Farrugia, Abela u Galea.*
>
> *…*
>
> *Huma nfurmawni li s-sistema (Accounting Package Software) li kienu qed jużaw, bl-isem ta' Sage, kienet tinżamm għandhom u huma biss kellhom kontroll ta' din is-sistema. Tawni backup tal-accounting system biex ikolli aċċess għat-transazzjonijiet li huma kienu qegħdin jgħaddu fis-sistema.*
>
> *Waqt l-eżerċizzju ta' reviżjoni li kont qed nagħmel, naturalment skont l-istandard accounting practices, bdejt nistaqsi numru ta' domandi lis-sinjuri Farrugia, Abela u Galea, pero` niftakar li dejjem kienu eżistanti biex jagħtu r-risposti u dawn ir-risposti kienu jiġu bi sforz kbir. Għalija kien jidher biċ-ċar li ma kinux qed jieħdu pjaċir bil-ħafna domandi.*
>
> *Niftakar li fil-qadi ta' xogħli sabiex nagħmel dan l-eżerċizzju kont mort fl-uffiċini tas-sinjuri Farrugia, Abela u Galea xi tlett darbiet. Pero` f' daqqa waħda huma ma aċċettawx li nkompli bl-eżerċizzju tiegħi u taw instruzzjonijiet li r-reviżjoni kellha tieqaf ħesrem. Niftakar ukoll li l-anqas qatt ma waslu għad-dettalji kollha għal x' kien il-profitt li sar fit-2011.*
>
> *Jiena qiegħed nippreżenta anness ma' dan l-affidavit, l-istatement li jien ippreparajt abbażi tad-dettalji ta' figuri, transazzjonijiet, invoices u dokumentazzjoni oħra (bħal invoices mis-suppliers oriġinali, export documents etc) li eżaminajt fil-kors ta' dan l-audit, liema statement qed jiġi mmarkat Dok JC1.*
>
> *L-eżerċizzju li jien għamilt kien tan-negozju li għadda bejn l-Attrans Commercials Limited ta' Malta u l-Highway Car and Spare Parts Importation tal-Libya.*
> *….*
>
> *Ir-riżultat tal-istess eżerċizzju, li jirreferi biss u direttament għan-negozju*

[4] Affidavit ippreżentat fit-28.11.2019, fol 280 et seq

*ta' bejn dawn iż-żewġ kumpaniji, u bażat fuq l-informazzjoni u dokumentazzjoni li kelli aċċess għaliha, inkluż prinċipalment bil-figuri li jidhru fuq l-accounting package miżmum u kkontrollat mis-sinjuri Farrugia, Abela u Galea nfushom, il-Highway Car and Spare Parts Importation tal-Libya għandha tagħti lill-Attrans Commercials Limited ta' Malta s-somma ta' Libyan Dinars 4,477,339 li jammontaw għal Euro 2,681,041."*

## L-AGGRAVJI FLIMKIEN

17. Din hi kawza biex jingħata rendikont u ħlas ta' dak dovut lis-soċjetà attriċi mis-sħubija li kien hemm mal-konvenuti kollha ħlief għal Ivan Abela, Kenneth Abela u Pierre Farrugia li ġew liberati mill-osservanza tal-ġudiżżju b'sentenza tal-20 ta' Jannar 2016 u li minnha ma sar ebda appell.

18. It-talba għal rendikont hi regolata bl-artikolu 389 *et sequentia* tal-Kapitolu 12. Qalet ħażin l-Ewwel Qorti meta kkonsidrat is-siwi tad-dokumenti li pprezentat is-soċjetà attriċi u waslet għal konkluzjoni li ma setgħetx tistrieħ fuqhom bħala prova tas-sehem dovut mill-konvenuti. L-obbligu li jagħti r-rendikont kien fuq il-parti mħarrka. Ladarba dan ir-rendikont ma sarx, il-Qorti kellha tagħti żmien biex ir-rendikont isir. Il-Qorti fil-fatt laqgħet din it-talba bla ma ordnat terminu għall-adempiment u differiment għal kontinwazzjoni li ma ngħatax it-terminu, dan ifisser li l-obbligu kien skatta minnufih; minkejja dan, wara aktar minn ħmistax-il xahar mis-sentenza appellata, il-konvenuti appellati ma ppreżentaw ebda rendikont.

19. Strettament f'dawn iċ-ċirkostanżi l-Ewwel Qorti kellha wara għeluq it-terminu stabbilit minnha tapplika l-artikolu 394 tal-Kap. 12 fejn l-attur jispeċifika 'imqar b'ġurament', is-somma li għandha tingħata.

20. F'dan il-kaz ma kienx hemm in-neċessità fl-istadju tal-proċeduri quddiemha li l-Qorti tqis jekk is-somma reklamata mill-atturi kinitx pruvata fuq bażi ta' probabilita għax kull ma trid il-liġi hu li l-attur jispeċifika bil-ġurament is-somma li għandha tingħata, f'liema każ japplika l-artikolu 392 tal-Kap. 12 fejn jekk il-parti l-oħra ma tagħmilx oppożizzjoni għal kont li jkun ingħata, il-Qorti tapprovah.

21. Għalhekk f'dan il-kaz l-appell jistħoqqlu jiġi milqugħ fis-sens illi l-konvenuti appellati ma ressqux ir-rendikont mitlub u issa għaddew iktar minn ħmistax-il xahar f'liema żmien dan ir-rendikont ma ngħatax u billi ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza għalhekk saret *res* judicata kif għadda t-terminu li fih seta' jsir appell. Konsegwentement skatta l-mekkaniżmu fejn l-attur għandu jressaq dak li hu dovut 'imqar bil-ġurament' u għalkemm din il-prova tressqet quddiem l-ewwel Qorti, ma ġietx segwita l-liġi f'dak li jrid l-artikolu 392 tal-Kap. 12 u għalhekk l-atti għandhom jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi fuq it-talbiet l-oħra fil-konfront tal-konvenuti appellati.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tilqa' l-appell tal-attriċi u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti fejn il-Qorti ddikjarat li "qed iżżomm impreġudikati l-bqija tad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti" in kwantu tirreferi għat-talbiet numru tnejn sa ħamsa tar-rikors maħluf, u tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar l-istess.

Spejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-dritt tal-kuraturi li qegħdin jidhru għall-assenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss